


FOLJU MAĦRUĠ DARBA FIX-XAHAR MID-DIPARTIMENT TAL-BIEDJA
EDITUR: J. ORLANDO-SMITH

Nru. 164 APRIL, 1953. Nru. 164

# IL-WIRJA TA' TJUR U FNIEK

*(R. BIASINI, Direttur tal-Biedja)*

**SA mis-sena 1935, il-Wirja ta' Tjur u Fniek kienet dejjem waħda mill-isbaħ Wirjiet li jsiru fil-pajjiż, mhux biss bħala oġġett ta' rikreazzjoni mill-aqwa, iżda wkoll bħala wirja ta' interess u tagħlim għall-poplu kollu.**

Din is-sena, l-Għaqda Nazzjonali ta' Tjur u Fniek, qatgħet li torganizza waħda mill-akbar Wirjiet li qatt għamlet u ġa saru preparamenti kbar sabiex l-Għaqda tirnexxi fil-ħsieb tagħha, u sabiex is-Sibt u l-Ħadd, it-2 u t-3 ta' Mejju li ġej, jiġu murija fil-Ġonna ta' Sant Anton l-aħjar u l-iprem fniek u tjur li qegħdin jitrabbew f'Malta sabiex flimkien mad-dwal, baned u orkestra, dawk il-jumejn ikunu okkażjoni mill-isbaħ ta' divertiment għall-pubbliku in ġenerali, ta' tpaxxija għad-dilettanti u ta' tagħlim għal min irabbi. Bosta premijiet u tazzi qegħdin jistennew li jiġu mirbuħa mill-aħjar esibituri.

Minbarra d-divertiment familjari li toħloq kull sena, din il-Wirja kellha minn dejjem sehem importanti fl-ekonomija ta' pajjiżna billi dawk li rabbu jiġu mħeġġa aktar sabiex ikabbru t-trobbija tat-tjur u l-fniek b'żieda fil-produzzjoni tal-bajd u l-laħam għall-mejda. Dan il-għan ta' l-Għaqda Nazzjonali ta' Tjur u Fniek kien mexa ġmielu 'l quddiem meta, b'xorti ħażina, daħlet f'Malta l-marda tal-pesta fuq it-tjur li qerdet eluf ta' tiġieġ.

**Bħalissa l-mard fost it-tjur naqas ħafna u għalhekk, jekk Alla jrid, din is-sena l-Wirja sejra tiġi msebbħa iżjed billi ser ikun hemm murija t-tiġieġ ukoll.** Hemm tama li bis-saħħa tat-tagħlim u prekawzjonijiet li qed jieħu d-Dipartiment tal-Biedja, jirnexxilna li nkunu nistgħu nħarsu lit-tjur li jitrabbew f'pajjiżna minn imxija qalila oħra.

Waqt iż-żjara li għamilt fl-Amerika dan l-aħħar, kelli quddiem għajnejja l-ħsara li tagħmel din il-marda u għalhekk ridt nara b'għajnejja l-progress li qed isir mix-xjenza sabiex jekk din il-marda ma tinqeridx għal kollox tiġi għallinqas imrażżna. Ġo Pearl River, New York, hemm l-istazzjon famuż sperimentali, il-“Lederle Laboratories Division” u fih jiena ġejt milqugħ bħala viżitatur privileġġjat. **Jiena kelli taħditiet personali mat-tobba veterinarji li qegħdin imexxu l-istħarriġ dwar il-pesta tat-tjur u li kien irnexxielhom isibu vaċċin li bih għandhom tama kbira li sejrin irażżnu n-“Newcastle Disease” darba għal dejjem.** Fil-Qasam tal-Gvern, l-Għammieri ġa esperimentajna b'dan il-vaċċin “Lederle” u beħsiebna nkomplu nesperimentaw bih malli jaslulna provvisti oħra minn dan il-vaċċin illi ġentilment ġew imwegħda lili waqt li kont qed nagħmel iż-żjara f'“Pearl River”.

Sakemm il-pesta tat-tjur kienet għadha ma bdietx il-qerda tagħha konna wasalna biex l-importazzjoni tal-bajd fil-Gżejjer tagħna naqqasniha mal-200,000 tużżana bajd fis-sena inqas milli konna nimpurtaw qabel il-gwerra.

Dan kien progress kbir u l-Għaqda Nazzjonali ta' Tjur u Fniek kellha sehem mhux ċkejken fil-kobor ta' din l-industrja għaliex bil-pika ta' bejn ħbieb li nisslet din l-Għaqda fost il-membri tagħha, tat xejra kbira 'l quddiem biex tiġi mkabbra

*(Ikompli paġna 2)*

## PROGRAMM TAL-WIRJA

**Fit-2 u t-3 ta' Mejju, l-Għaqda Nazzjonali ta' Tjur u Fniek sejra żżomm il-Wirja kbira li torganizza kull sena fil-Ġonna ta' Sant Anton. Fil-Wirja ta' din is-sena ser jerġgħu jibdew jieħdu sehem it-tiġieġ li minħabba l-mard tal-pesta tat-tjur li kien hemm is-sena l-oħra tħallew barra mill-Wirja.**

**Il-Wirja tiġi miftuħa s-Sibt, 2 ta' Mejju, fis-2.30 p.m. u tibqa' miftuħa sa nofs il-lejl. Il-Ħadd, 3 ta' Mejju, il-Wirja tiftaħ mit-8.30 a.m. sad-9 p.m.**

**Din is-sena, il-Wirja Nazzjonali ta' Tjur u Fniek sejra tkun waħda mill-isbaħ li qatt saru u ser ikun hemm fiha l-isbaħ tiġieġ, papri, dundjani, farawni, faġjani, wiżż, paguni, ħamiem, fniek ta' kull razza li titrabba f'pajjiżna u għasafar tal-kulur, fosthom għadd kbir ta' pappagalli. It-taqsima tal-għasafar għaldaqshekk kellha, din is-sena wkoll terġa' tiġi mkabbra iżjed milli kienet is-sena li għaddiet.**

**Novità kbira fil-Wirja ta' din is-sena se jkunu l-kwantità ta' ġrieden mansi ta' kull kulur, li ħadd ma għandu jonqos li jmur jarahom. Barra minn dan, bħala ħaġa ġdida wkoll f'din il-Wirja se jkun hemm annimali ċkejknin li jixbħu ħafna lill-fniek ta' l-Indji, ta' lwien differenti.**

**Is-Sibt, 2 ta' Mejju, l-Eċċell. Tiegħu l-Arċisqof Metropolita jbierek il-Wirja u fil-għaxija l-Banda tal-Pulizija ddoqq programm magħżul, fil-waqt li fit-tard il-magħrufa Kumpannija “Stage Commandos” sejra tagħti programm ta' l-okkażjoni li għandu jifraħ bih kull min ikun preżenti fil-Wirja. Ikun hemm ukoll iż-żfin ma' l-orkestra.**

**Il-Ħadd, 3 ta' Mejju, wara nofs inhar, l-Eċċ. Tiegħu l-Gvernatur u Lady Creasy iqassmu l-premijiet u t-tazzi lir-rebbieħa u l-Banda “St. Liena”, ta' B'kara, iddoqq programm sabiħ.**

**Il-kitba ta' l-annimali u tjur, għasafar, eċċ. għal din il-Wirja tagħlaq is-Sibt, 25 ta' April, u ebda esibit ma jiġi reġistrat wara din id-data.**

# Il-Bniedem u l-Bhejjem ta' l-Ifrat

(*K. Vella Haber*)

**IL-MISSERIJIET il-qodma tal-bniedem kienu f'xi żmien ifkoll kemm huma slavaġ, u sabiex insiru nafu kif kienu tassew, jiħtiġilna mmorru wisq lura fil-ġrajjiet tad-dinja meta l-istorja kienet għadha ma bdietx tinkiteb.**

Minn żmien il-qadim tal-ġebel, saż-żmien il-ġdid tal-ġebel jew iż-żmien neolitiku, il-bniedem kien għadu jgħix ħajja tal-bosk u kien jikseb l-għixien tiegħu billi jikkaċċja l-gniedes u l-baqar u xi annimali oħra ta' l-imsaġar u fl-istess ħin jistad għal xi ħut li ħafna minnu kien igħix tant fil-baħar kif ukoll jitla' fuq l-art.

## IN-NEOLITIKU

Mill-bhejjem ta' l-ifrat, il-bniedem ta' dawk iż-żminijiet imbiegħda kien jikseb il-laħam għall-ikel, il-ġild biex jitgeżwer fih u jibni l-għerejjex u kien jinqeda bil-qrun ta' dawk il-bhejjem biex jixrob minnhom. Il-qrun tal-gniedes u l-baqar kienu mela l-ewwel tazzi li nqeda bihom il-bniedem. Għaddew hekk eluf u eluf ta' snin.

Il-bniedem kien ilu ħafna li rnexxielu jimmansa l-kelb u wara għadd kbir ta' snin beda jinqeda bih għall-kaċċa tal-ħut, ta' l-annimali u tat-tajr. Kien il-bniedem neolitiku li rnexxielu jimmansa l-bhejjem ta' l-ifrat wara li kien ġà fehem li jekk iqalleb wiċċ il-ħamrija u jitfa' taħtha ż-żrieragħ, dawn kienu jikbru u jagħtuh xtieli tajbin għall-ikel u jipproduċu żrieragħ li meta jinxfu u jitfarrku jiswew bħala għalf għall-istonku mġewwaħ tiegħu.

Mela, malli l-bniedem sar bidwi, beda jimmansa l-gniedes u l-baqar biex jgħinuh fil-ħidma ta' l-art u fl-istess ħin jikseb minnhom abbundanza ta' laħam bnin, u prodotti oħra kull meta kien ikun jeħtieġhom.

Naqraw saħansitra fil-kitbiet imqaddsa li l-għana tal-bniedem kien jiġi mkejjel u meqjus mill-għadd ta' annimali immansati li kien ikollu.

## EVOLUZZJONI

Skond ix-xjenza moderna l-bniedem għadda fuq wiċċ l-art iż-żmien Palaeolitiku u ż-żmien Mesolitiku f'ħajja ta' l-imsaġar u l-għerien u li sar bniedem tas-sengħa u mmansa l-annimali fiż-żmien Neolitiku. Jidher ċar ħafna li l-bniedem kellu jsib il-mezz biex iżomm lilu nnifsu qabel ma mmansa l-annimali. F'dawk il-pajjiżi fejn il-biedja ma kenitx possibbli minħabba l-kondizzjonijiet u l-klima ta' l-art, billi l-bniedem ma setax isir bidwi, kellu bilfors jitbiddel f'raħħal, dejjem imgerrex minn naħa għall-oħra. Fi bnadi oħra fejn il-bniedem sar bidwi, għalkemm kif jidher immansa l-kelb daqqa ta' xi 9,000 sena ilu, ma rnexxielux jimmansa l-bhejjem ħlief daqqa ta' 3,000 sena Qabel Kristu.

## KIF ĊEW IMMANSATI L-ANNIMALI?

Preċiż kif ġew immansati l-annimali għad ma ġiex magħruf, iżda huwa probabbli ħafna li l-bniedem kien dejjem jiġġerra wara l-merħliet kbar ta' annimali tal-masġar u jaqbad minnhom il-frieħ jew dawk li kienu jkunu xi ftit batuti u ma jilħqux ma' sħabhom.

Il-bniedem kien jipprova jħajjar lil xi baqra biex tħallih jaħlibha u b'hekk, bil-mod il-mod, kienu jiġu immansati u jkattru nisel immansat. B'hekk il-bniedem ma ħteġlux jibqa' għal dejjem jiġġerra wara l-merħliet ta' l-annimali tal-bosk biex jaqbad il-frieħ tagħhom. Is-sengħa tal-biedja b'hekk għaddiet 'il quddiem wisq u saret għajn ta' industrji oħra li għanew il-bniedem.

Dak li l-lum igħaġġibna huwa, li, wara tant eluf ta' snin li ilu maħluq il-bniedem u wara tant eluf ta' snin li l-bniedem ilu ċivilizzat għad fadal f'xi naħat tad-dinja fejn il-bniedem għadu jgħix il-ħajja tal-qedem fil-kaċċa tat-tajr u l-annimali tal-bosk u jistkenn taħt is-siġar u fl-għerien.

# Il-Wirja ta' Tjur u Fniek

(*Ikompli mill-paġ. 1*)

t-trobbija tat-tjur u l-fniek u b'hekk eluf ta' liri li qabel kienu jħallu 'l artna biex imorru fil-bwiet ta' nies barranin bdew jiċċirkolaw fostna b'risq tal-pajjiż kollu u ta' dawk li jrabbu.

Iżda biex wieħed jirnexxi fit-trobbija tat-tjur u l-fniek ma għandux jippretendi li kollox għandu jimxi waħdu jew inkella billi jżur il-Wirja li ssir kull sena. L-Għaqda Nazzjonali ta' Tjur u Fniek tista' taqdi lil kull min jixtieq irabbi matul is-sena kollha, billi fi ħdanha għandha membri nies esperti li huma dejjem lesti biex jagħtu kull tagħrif u tagħlim lill-membri l-oħra sħabhom dwar kif għandhom irabbu u dwar kif jistgħu jħarsu mill-mard lill-annimali li jkollhom. Minbarra din il-ħidma fejjieda l-Għaqda tagħti wkoll vantaġġi kbar lill-imseħbin tagħha billi torganizza laqgħat soċjali; tagħmel konferenzi lill-membri dwar it-trobbija ta' tjur u fniek; turi films dwar kif wieħed għandu jrabbi bis-sengħa; tqassam, bla ħlas, magazine li jkun fih ħafna tagħrif meħtieġ u l-akbar u l-aktar importanti żżomm kull sena Wirja kbira, li fiha kull membru li kun ġa ħallas id-dritt tas-sħubija tas-sena, jiġi mogħti żewġ biljetti tad-dħul mingħajr ħlas, biex imur jara l-ħila u s-suċċessi li jkunu nkisbu minn dawk kollha li jrabbu.

**Huwa ibleh dak il-bniedem li qed irabbi jew jixtieq jibda jrawwem xi ftit tjur u fniek li ma jingħaqadx mal-membri l-oħra li fiha dina l-Għaqda sabiex b'hekk ikun jista' jikseb huwa wkoll suċċess fil-ħidma tiegħu. Fuq kollox il-ħlas tas-sħubija mhux ħlief ta' ħames xelini fis-sena li jitpattew fil-wisa' mill-għadd ta' privileġġi li tagħti din l-Għaqda.**

Huwa dmir kull min irabbi t-tjur u fniek tant jekk ikun dilettant kif ukoll jekk irabbi għan-negozju li jgħin lil din l-Għaqda billi jissieħeb minnufih jekk ma jkunx ġa membru. Kull min iħobb l-annimali jew irid jara lil pajjiżu ġej 'il quddiem għandu jgħin lill-Għaqda Nazzjonali ta' Tjur u Fniek billi jissieħeb fiha u b'hekk jagħtiha appoġġ morali u materjali. Kif ġà fissirt, il-ħlas tas-sħubija huwa biss ta' ħames xelini fis-sena.

**GHALL-BIEDJA U ĠONNA**

**Imgassijiet u għodod tal-Ġonna u tar-raba'; Pompi famużi tal-bexx; Mediċini kontra l-mard u dwied, nemel, buħarrat, bumelliesa, bebbux u bugħarwien; Raffja u spag aħdar għar-rbit tal-pjanti u għat-tilqim; Marelli tal-ħajt għall-insib; Tikketti li ma jispiċċawx. Kull ma jinħtieġlek għall-ġnien jew raba' tinqeda mill-aħjar jekk tmur:—**

**MALTA SEEDS LTD.**
**VILLA CHELSEA,**
**16, Triq il-Knisja l-Qadima,**
**Birkirkara.**

**HANUT GHAR-RABA' u ĠONNA**
**FUQ IL-PARAPETT tat-Teatru Rjal,**
**South Street — Valletta,**
**(quddiem tal-bicycles).**

